MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
JACQUELINE PADOVANI**

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2009

Numru. 147/2006

**PULIZIJA
SPETTUR SHARON TANTI
VS
REA CUONO**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Rea Cuono, ta’ 40 sena, iben Antonio u Adriana Manfrelotta, imwieled Napli, l-Italia, fit-12 ta’ Gunju 1965, residenti 58, Triq il-Karmnu, Sliema u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ Taljana li ggib numru AB4199029

Akkuzat talli fit-13 ta’ Frar, 2006 gewwa l-Imsida u bnadi ohra f’dawn il-gzejjer, b’diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti li jkunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u jkunu gew maghmula b’rizoluzjoni wahda:

1) B'eghmil zieni, kkorrompa lil *Ommissis A*, persuna taht l-eta' u dan bi ksur ta' l-Artikolu 203 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2) Bla ordni skond il-Ligi ta' awtorita' kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-Ligi taghti s-setgha lil privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil *Ommissis A* kontra l-volonta' taghha jew ta post biex fih din il-persuna tigi arrestata, mizuma u dan bi ksur ta' l-Artikolu 86 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3) Ikkommetta attentat vjolent ghal pudur ta' *Ommissis A*, persuna taht l-eta' u dan bi ksur ta' l-Artikolu 206 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4) Offenda l-pudur jew il-morali b'eghmil li sar f'lok pubbliku jew f'lok espost ghall-pubbliku. U dan bi ksur ta' l-Artikolu 209 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat l-Artikoli elenkati mill-Avukat Generali (a fol.108) taht liema Artikoli din il-Qorti tista' ssib htija fl-imputat;

Rat il-verbal ta' l-imputat (a fol.107) li ma sab ebda oggezzjoni illi jigi gudikat minn din il-Qorti;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

*Ommissis B* xhedet (a fol.48) illi hija kienet ghamlet rapport fl-Ghassa tal-Pulizija illi bintha, *Ommissis A*, kienet giet molestata sesswalment minn persuni ta' Nazzjonalita' Taljana. Hija spjegat li bintha qaltilha li l-ewwel darba li ltaqghet ma' dan it-Taljan kienet wara illi kienet baghtitha marret tixtri. *Ommissis A*, ttardjat ftit u ommha, *Ommissis B* ikkummentat fuq id-dewmien u r-reazzjoni ta' bintha *Ommissis A* kienet wahda anzjuza. *Ommissis A* qalet lil ommha li kienet iltaqghet ma' Taljan u ma setghetx tirritorna d-dar sabiex ma turiehx fejn kienet qed tirresjedi. *Ommissis B* xhedet illi kienet tat parir lit-tifla

taghha illi f'kaz ta' ripetizzjoni ta' dan l-incident hija kellha tghid illi diga' kellha *boyfriend*.

Xi tlett (3) gimghat wara dan l-incident, fil-bidu ta' Frar, kienet cemplitilha l-omm habiba ta' *Ommissis A* u qaltilha b'dak kollu li gara il-ghaliex bintha *Ommissis A* sabet diffikulta' biex tghid lil genituri taghha u ma riditx titla' l-Qorti ghax ma riditx tara lil dan it-Taljan b'ghajnejjha.

*Ommissis A* tat it-testimonjanza taghha permezz ta' *video conference* (a fol.19 et seq.) u xhedet li kellha *ommissis* (*ommissis*)-il sena u qalet illi kienet marret tixtri minn *supermarket AD*, l-Imsida, u kif kienet hierga kien hemm ragel go karozza *blue* illi ghamlilha mossa: "*Speci tefghali l-bews,*" ma tatx kasu u baqghet ghaddejja. Xi tlett (3) gimghat, erba' (4) gimghat wara, kienet marret izzur xi hbieb taghha fir-residenza taghhom, kienu hargu kollha flimkien u hi (*Ommissis A*) riedet tixtri card tal-mobile u kif kienet qed iddur il-kantuniera regghet rat l-istess persuna go karozza *blue* li beda jkellimha u hi waqfet ha tara x'irid. Beda jsaqsiha jekk titkellimx bit-Taljan u beda jghidilha illi kien qed isegwiha ghax ma regghax iltaqa' maghha minn dakinhar illi kien ha grazzja maghha u beda jghidilha kliem bhal "*Gennintni,"* u ried ikun jaf x'jisimha. Beda jsaqsiha kemm ghandha zmien u fejn qed tmur skola. Ried ikun jaf fen toqghod, pero hi ma wegbitux u hi ma tatux din l-informazzjoni. *Ommissis A* xhedet li dan it-Taljan beda jiffittaha halli jaghmlu *date* u hi baqghet tirrifjuta. *Ommissis A* xhedet illi dan it-Taljan beda jsaqsiha ghalfejn kienet qed tibza' minnu, qalilha li jahdem go lukanda tas-Sliema u baqa jiffittaha biex johorgu flimkien. *Ommissis A* xhedet illi dan it-Taljan beda jghidilha li ghandu *flat* u x'taq illi jaghmlu serata fejn hu jkun jista' jsajrilha xi haga ta' l-ikel. *Ommissis A* xhedet illi ghalkemm tifhem bit-Taljan hi ma tantx titkellem bit-Taljan u li l-imputat ma kien jifhem xejn bl-Ingliz u li hi baqghet tirrifjutah. *Ommissis A* xhedet illi huwa talabha n-*number* tal-*mobile* taghha u hi ma xtaqitx ittuhulu izda sabiex tehles minnu il-ghaliex: "*Kelli seba' mitt sena biex nitlaq minn hemmhekk tant kemm zammni bil-paroli u baqa' jghidli l-istess haga qisu jinsisti li niltaqghu, qisu qed jipprova bil-fors illi niltaqghu,"* (ara xhieda fol.24) hi fl-ahhar taghtu n-*number* u kellha f'rasha

illi wara taqbad u tbiddel is-*sim card*. Kif tatu n-*number* dan it-Taljan mill-ewwel cemplilha halli jiccekja illi n-numru kien korrett. Nelfrattemp *Ommissis A* tghid illi hija kienet qed timxi u l-imputat, fil-karozza tieghu, kien qed isegwiha u dan it-Taljan qalilha biex tigi fuq in-naha tad-*driver side* halli ma jkunx hemm daqshekk distanza bejniethom u kif ghamlet hekk dan it-Taljan qabadha minn idha u baqa' jghamlilha hafna kumplimenti u jissikkaha biex jiltaqghu. Dan it-Taljan qalilha li kien ser icemplilha biex imbaghad jiltaqghu. Xi tlett (3) gimghat wara, meta kienet ma shabha fil-*flat* taghhom, kienu hargu lkoll flimkien u hija xtaqet tixtri *card* tal-*mobile* u waqqfet ghand *stationary*. Meta hija kienet ser tirritorna lejn il-*flat* regghet rat il-karozza ta' dan it-Taljan u l-istess Taljan go fiha, li waqqaf il-karozza f'nofs ta' triq u baqa' jistenniha gejjha u rega' qabad il-konversazzjoni. Beda jhajjarha tiltaqa' mieghu, qaltlu illi kellha *boyfriend* pero' dan ma kellu ebda effett u baqa jinsisti illi jmorru *drive* u hi baqghet tirrifjuta. Wara illi dam jissikkaha hafna, *Ommissis A* qaltlu li kienet ser tmur id-dar, saqsiha fejn toqghod u hi rrifjutat li twiegbu, imbaghad offriela li jwassalha sad-dar u hi baqghet tirrifjuta waqt illi huwa baqa' jinsisti li jatiha *lift.* Illi fl-ahhar *Ommissis A* ddecidiet illi titla' fil-karozza tieghu ghax "*Vera ma nistax nehles minnu.*" Illi meta telghet fil-karozza, l-imputat beda jsuq u ma bedix jirrispondi d-domanda ghal fejn kienu sejrin. *Ommissis A* xhedet illi l-imputat baqa' jdur minn triqat skonoxxuti, baqa ma jirrispondihiex u hi bdiet tinkwieta hafna u bdiet tinsisti mieghu li kellu jehodha d-dar. F'hin minnhom l-imputat waqaf fi triq mudlama fejn kien hemm hafna *garages blue* cari. *Ommissis A* saqsietu ghalfejn waqqaf hemm u regghet qaltlu sabiex jehodha d-dar. Meta waqqaf il-karozza, dan it-Taljan, "*Beda jmiss il-parti t'isfel tieghi…u beda jghaffas.*" *Ommissis A* xhedet (fol.29) illi hija nehhietlu jdejh izda hu rega' pogga jdejh lura:

"*Imbaghad dan f'hin minnhom qabad u ntefa fuqi, qabadli wicci u beda jbusni jien minn dak il-hin ipprovajt…x'hin ippruvajt nimbuttah jien qisni ma stajtx ninqala' minn mieghu ghax hu…spicca jbusni u qatali nifni mbaghad jiena ma stajtx, jien dak il-hin bdejt nipprova nwerzaq x'hin kellu halqu mieghi fil-fatt ma beda jinstama*

*xejn u jien bdejt nisma l-vuci tieghi stess li mhux qed jinstema ghajjat ghax zammli n-nifs u baqa' jbusni."*

F'mument wiehed *Ommissis A* tghid li nfexxet tibki u li pprovat anki tohrog mill-karozza izda hu dejjem baqa' jzommni u uza l-forza, "*Naf illi anka bil-kemm ma bediex iweggani bil-forza li uza fuqi u jiena ma stajtx niccaqlaq."*

Meta *Ommissis A* ppruvat tiftah il-bieb it-Taljan beda jgebbidha lura minn darha. Xi hin wara, meta *Ommissis A* bdiet tibki, dan it-Taljan beda jghidilha biex tikkalma u tirrilassa, qalilha illi kien ser jehodha d-dar u rega' beda jkellimha bil-hlewwa u jaghmlilha hafna kumplimenti. *Ommissis A* xhedet illi f'mument minnhom anka waqt illi kien qed isuq, hija regghet ipprovat tohrog mill-karozza ghaliex ma gharfitx it-triqat u bdiet tibza' illi ma kienx ser jehodha d-dar. Illi kif kien hemm triq illi gharfet hija regghet fethet il-bieba tal-karozza u qaltlu sabiex jieqaf minnufih. Kif waslet id-dar dahlet tigri fil-kamra taghha u ma qalet xejn lil ohtha. Kienet cemplet lil habibha taghha u bdiet tibki u qaltilha dak kollu illi gralha u li kienet qed tibza' tohrog wahedha mid-dar. Ghalhekk il-habibha taghha, *Ommissis C*, flimkien mal-*boyfriend, Ommissis D*, gew ghaliha u akkumpanjawha sad-dar ta' *Ommissis C*. *Ommissis A* xhedet illi *Ommissis D* kien ra lil dan it-Taljan fl-okkazzjoni fejn dan it-Taljan kien waqaf hdejn is-*supermarket* u kien *Ommissis D* illi ftakar illi dan it-Taljan kellu Fiat Stilo u kien informa dana kollu lil Pulizija. Meta *Ommissis A* spjegat l-istorja kollha lil hbieb taghha, *Ommissis C* haditha ghand id-dar tal-mama taghha, infurmat lil mama taghha b'dak kollu li kien gara, gabulha lit-tabib u riedet takkumpanjaha sa l-Ghassa tal-Pulizija sabiex taghmel rapport, *Ommissis A* baqghet tirrifjuta taghmel dan ir-rapport l-Ghassa u lanqas biss riedet tghid lil genituri taghha. L-ghada filghodu pero' *Ommissis A* giet perswaza biex tinforma lil genituri taghha u fil-fatt wara ghamlu rapport id-Depot.

Mitluba tghid jekk kemm-il darba l-imputat qatt cemplilha fuq il-*mobile number* li taghtu hi, *Ommissis A* kkonfermat (a fol.36) illi hi qatt ma semghet lehnu sakemm ma gara dan l-incident. Mitluba tghid jekk qatt ircevietx jew baghtitx

sms's hija xhedet illi hija kienet baghtet sms biex tghidlu li ma kinitx il-persuna adatta ghalih sabiex taqtaghlu jiesu. *Ommissis A* kkonfermat illi dan it-Taljan kien baghtilha diversi messaggi li pero' ma tantx setghet tifhimhom.

In kontro ezami, mitluba tghid jekk baghtitlux tlieta (3) jew erba' (4) messaggi, *Ommissis A* xhedet illi setgha kien li baghtitlu dawn il-messaggi li kienu fl-istess gurnata, fl-istess hin. Mitluba tghid jekk baghtitlux diversi messaggi f'okkazzjonijiet differenti, pero' deherla illi kien f'gurnata wahda biss dakinhar illi taghtu n-numru tat-*telephone.* Tinnega illi fl-ewwel okkazzjoni illi rat lill-imputat kienet f'Ottubru tat-2005 u kkonfermat illi l-ewwel darba li waqqafha l-imputat kienet avvicinat id-*driver side* ghax kien talabha hu. (ara xhieda a fol.39) Ikkonfermat (a fol.40) illi hija ma riditx taghti t-*telephone number* taghha imma taghtulu biss fuq l-insistenza konsiderevoli tieghu halli tehles minnu, bil-hsieb li hija mbaghad tbiddel is-*sim card* u baqghet ma taghtux l-indirizz tad-dar taghha. Mistoqsija jekk kemm-il darba dan it-Taljan, fit-tieni okkazzjoni fil-karozza, messiex fuq kuxtejjha biss, *Ommissis A* xhedet illi dan it-Taljan kien messha fuq il-parti genitali taghha, fuq il-*jeans* li kienet liebsa. A fol.42, *Ommissis A* affermat illi kienet hi li telghet fil-karozza minghajr ma intuzat, da parti ta' dan it-Taljan, ebda forza fizika fuqha. "*Hu minn kliemu qisu tefa' l-forza tant kemm dam…"* Mitluba tghid kemm-il darba dan it-Taljan baqax dejjem fid-*driver seat Ommissis A* xhedet illi dan it-Taljan f'ebda hin ma nizel mill-karozza izda ntefa' fuqha. *Ommissis A* kkonfermat illi dan it-Taljan f'ebda hin ma neza xi hwejjeg li kien liebes. Lanqas ma ipprova jnezzalha, b'xi mod, hwejjigha. A fol.44, *Ommissis A* ddentifikat lill-imputat bhala t-Taljan illi mmolestaha.

Spettur Stephen Gatt a fol.95 ezebixxa l-istqarrija ta' l-imputat Dok.SG a fol.46 u fol.47 u l-karta ta' l-Identita' tieghu bhala Dok.SG1

Fl-istqarrija tieghu, l-imputat jghid illi huwa mizzewweg ma' Maltija.Kellu tlett itfal u li kien ilu separat minnha xi disgha (9) xhur. Mistoqsi x'gara f'dan l-incident, huwa stqarr illi kien qed isuq u ra lil din it-tfajla niezla mill-hanut

u waqqaf il-karozza tieghu u li bdew jitkellmu. Huwa qal illi din kienet it-tieni darba illi kien iltaqa’ maghha u li kien qalilha biex tmur ghal gita bil-karozza u bdew jitkellmu ftit. Kien waqqaf vicin ta’ l-isptar il-gdid, bdew jitkellmu u pogga idejh fuq spallitha u talabha ghal bewsa, hi ma accettatx mill-ewwel, pero’ wara ftit minuti taghtu bewsa. Huwa sahaq illi ma uza ebda forza fuq it-tfajla. Ftit wara, jghid illi din it-tfajla qaltlu illi kellha tmur id-dar ghaliex kienet qed tistenniha ommha u waqqafha fejn riedet hi, fejn il-*bus stop*. Huwa qal illi ma xtaqt inizzilha hemmhekk il-ghaliex kien naqra fid-dizabitat, kien qabdilha idejha biex jghidilha li dan ma kienx f’post addatat biex ihalliha fit-triq. Kienu regghu tbewsu u kien nizzilha fejn qaltlu hi. L-imputat xhed illi l-ewwel darba li kien ra lil din it-tfajla kien ghal habta ta’ Settembru, Ottubru 2005 u li kien ilu jaraha fil-vicinanzi ta’ l-Imsida. Illi dik id-darba meta kienu qeghdin jitkellmu, kien talabha n-numru tat-telephone u hu kien taha tieghu. L-imputat stqarr illi hu ma kienx jaf u ma kienx talabha tghidlu l-eta’ taghha. Jghid illi huwa pogga jdejh fuq koxxitha u hi ma kienet qaltlu xejn. Mitlub jghid jekk kemm-il darba nduna illi din it-tifla kelliex ebda kuntatti mieghu, l-imputat stqarr illi kulma ghamel hu kien, illi biesha u li missilha kuxxtejjha u li din ma qaltlu xejn hlief li wara li marru *drive,* qaltlu li kellha tmur id-dar. Jinnega illi tella’ t-tieqa tal-karozza u li sakkar il-karozza meta din it-tifla ppuvat tohrog mill-karozza.

Denise Formosa Gruppetta, mill-Vodafone, tat l-informazzjoni dwar in-numru tat-*telephones* moghtija lilha mill-Pulizija u ezebit Dok.G, illi juri sitt (6) messaggi.

*Ommissis E* kkonfermat ix-xhieda ta’ *Ommissis B* u *Ommissis A*. Ikkonfermat illi bintha *Ommissis C* kienet irceviet telefonata minghand *Ommissis A* illi kienet qeghdha fi stat ta’ biza’ konsiderevoli u li hija talbet lil bintha tmur tigborha u ggibha d-dar ghandhom u fil-fatt hekk sar. Illi wara dan *Ommissis A* kienet qaltilhom dak li kien gara u Giappone ssuggeriet li jaghmlu rapport l-Ghassa, izda mbaghad gie deciz illi jghidu lil genituri taghha l-ghada u li kienu huma li ghamlu r-rapport.

*Ommissis D*, il-*boyfriend* ta' *Ommissis C*, (a fol.59) ikkonferma li kien ra lil *Ommissis A* tkellem lil persuna li kien qieghed b'Fiat Stilo *blue* vicin ta' *The Brockdorff Street,* Imsida u dan gara bejn tlett (3) gimghat u erba' (4) gimghat qabel l-incidenti nnifsu, pero' ma kienx f'posizzjoni jaghraf il-persuna. Ikkonferma illi *Ommissis A* kienet qed tkellem lil din il-persuna mill-*passenger seat window*.

*Ommissis C* kkonfermat illi hi u *Ommissis A* kienu hbieb u kienu jattendu l-istess skola. Xhedet illi kienet cemplitilha *Ommissis A* u nstemghat imbikkma u bla nifs fuq it-*telephone* u marret dritt fir-residenza taghha u qaltilha bl-istorja kollha. *Ommissis C* xhedet illi hija qatt ma kienet rat lil *Ommissis A* f'dak l-istat ta' biza' qabel. *Ommissis C* xhedet illi hadet lil *Ommissis A* d-dar ta' ommha. *Ommissis C* kkonfermat li n-numru tat-*telephone* ta' *Ommissis A* kien 79298232. Ikkonfermat ukoll illi l-ewwel darba li *Ommissis A* ltaqghet ma' dan it-Taljan, hi u *Ommissis D* kienu rawha tkellmu vicin il-karozza tieghu.

Supretendent Sharon Tanti, (a fol.75 et seq.) xhedet illi fil-14 ta' Frar 2006, kienet giet infurmata mill-Ispettur Stephen Gatt illi *Ommissis A* kienet ghamlet rapport fl-Ghassa tal-Pulizija ta' l-Imsida li kienet giet aggredita sesswalment minn Taljan, li hatafha, dahhalha fil-karozza tieghu bil-forza, saq biha lejn is-Swatar u kien messha sesswalment minn fuq il-hwejjeg. F'xi punt kienet harbitlu, ghamlet kuntatti mal-hbieb taghha u l-genituri taghhom li ssuggerewla taghmel rapport. Xhedet illi din it-tfajla kellha *ommissis* (*ommissis*)-il sena u li kienet irrilaxxat stqarrija. F'din l-istqarrija, *Ommissis A* qalet illi xi gimghat qabel, waqt li kienet hierga minn *A & D supermarket* Imsida, kien waqqafha Taljan bil-karozza *blue*, kien ittantaha u qad jitkellem maghha u fehemitu li kien jismu Nelo. Ippruvat tkellmu bl-Ingliz ghax hassbet li xtaq xi direzzjoni, hu ma fehemix u ppruvat tkellmu bit-Taljan. Qalet li talabha l-*mobile number* taghha u hi taghtulu ghax bezghat illi jekk ittihulu hazin hu setgha jivverifika. Stqarret li talabha ccempillu. Hi dak il-hin accetat pero ma cemplitlu qatt, ghaddew xi gimghat u waqt li kienet hierga mill-*flat* tal-habibha taghha *Ommissis C* u *Ommissis D*, marret tixtri

*card* tal-*mobile* maghhom u meta kienet sejra lura d-dar wahedha, rat l-istess karozza bit-Taljan go fiha. Dan waqqafha, beda jsuq maghha bil-mod, hi pruvat tghidlu li kellha *boyfriend* sabiex ihalliha bi kwieta, izda hu baqa' jinsisti hafna maghha, hi baqghet tirrezistieh u minhabba li bezghet li ser jibqa' jsegwiha sad-dar taghha, ghazlet li tirkeb mieghu. Kif dahlet fil-karozza ndunat li kienet hadet decizjoni zbaljata, bdiet tghidlu biex iwaqqaf il-karozza, izda huwa waqqafha biss meta waslu fejn xi *garages*. Hawnhekk hu ntefa fuqha u beda jbusa, hi ppruvat tnehhieh minn fuqha izda ma rnexxiliex, anzi bil-piz tieghu kwazi qatala' nifisha. Il-minuri stqarret lil Pulizija li kien messha minn fuq hwejjigha Irnexxielha tiftah il-bieba tal-karozza biex tohrog izda hu ghalqilha l-bieb u telghallha t-tieqa u saq, hi bdiet tibki u tghidlu biex ma jmissiex, anki bil-lingwa Taljana, imbaghad gharfet Triq is-Swatar u qaltlu biex iwaqqafha hemmhekk u nizlet tigri mill-karozza. Minn hemmhekk marret id-dar u cemplet lil habibha taghha *Ommissis C*, li minn naha taghha marret ghaliha mal-*boyfriend* taghha *Ommissis D* u haduha d-dar ta' *Ommissis C*. Hemmhekk l-omm *Ommissis E* saret mgharfa b'dak li gara u l-omm insistiet illi taghmel rapport lil Pulizija.

PC 1058 Noel Mercieca, ikkonferma r-rapport ta' *Ommissis A* u ezebixxa l-okkorrenza Dok.X u kkonferma l-istqarrija ta' l-imputat Dok.SG

Spettur Stephen Gatt (a fol.84) ikkonferma x-xhieda ta' Supretendent Sharon Tanti u l-Istqarrija ta' l-imputat Dok.SG

Anthony Bonnici, raprezentant tal-*Mobile Communications Limited*, ezebixxa Dok.GM, Dok.GM1, Dok.GM2 u Dok.GM3 li jindikaw l-sms's mibghuta fil-hinijiet hemm indikati. Ikkonferma illi l-linja *Ommissis number XXXXXXXX* kienet registrata fuq *Ommissis A*, bil-partikolaritajiet indikati a fol.92. Il-linja *Ommissis number YYYYYYYY* kienet *pre-paid* u ma kienx hemm dettalji. A fol.96 (Dok.GM2) jirrizulta illi saru sitt (6) sms's minn *Ommissis number XXXXXXXX* lil *number Ommissis number YYYYYYYY*, fit-12 ta' Jannar 2006.

A fol.101, Spettur Stephen Gatt ezebixxa certifikat tat-twelid ta' *Ommissis A*.

L-imputat (a fol.113) xhed illi kien jaf lil din it-tfajla fit-2005, kien waqqaf il-karozza u bdew iparlaw meta din it-tfajla kienet hierga minn *supermarket* u li kienu skambjaw in-numru tat-*telephone* u li xi zmien wara kienet baghtitlu xi messagg. Xhed illi din it-tfajla kienet baghtitlu xi erba' (4) jew hames (5) messaggi pero' kollox waqaf hemm. Kien rega' ltaqa' maghha fit-2006, ghal habta ta' Marzu, b'kumbinazzjoni, kienet waqqfet hdejn il-karozza tieghu u bdew jitkellmu ghal xi kwarta. L-imputat jghid illi kien talabha ttih bewsa u mbaghad kien talabha biex imorru mawra bil-karozza. It-tfajla kienet telghet fil-karozza tieghu volontarjament u minghajr ebda forza da parti tieghu u kienu marru lejn l-Universita', vicin ta' l-Isptar il-Gdid. Hemmhekk kien waqqaf il-karozza tieghu u bdew jitkellmu. L-imputat xhed illi kien qieghed idu fuq spallitha u beda jikkarezzaha u f'dan il-mument kienet qaltlu biex jehodha d-dar. Huwa beda jsuq u ra li kienet ftit skonvolta u qalilha li ma setghax iwaqqafha hemmhekk ghaliex kien fid-dizabitat, li wara ftit hu kien waqqaf il-karozza u hi kienet nizlet. Wara ftit sieghat, waqt li hu kien San Giljan, kienu gew ghalih il-Pulizija. A fol.115, mistoqsi jekk hu messx lil din it-tfajla, l-imputat qal illi kien pogga idejh fuq saqajjha momentarjament (ftit 'il fuq mill-irkoppa) bhala gest ta' amicizia u xejn iktar. Xhed illi din it-tfajla kienet talbitu sigarett u li hu kien tahulha u kompla jsostni li hu ma ghamlilha xejn. Innega illi pprova juza xi forza biex jirristringiha.

In kontro ezami, l-imputat, xhed illi huwa haseb illi din it-tfajla kellha bejn it-tmintax (18) u d-dsatax (19)-il sena. Jinnega illi l-post fejn waqqaf il-karozza kien xi post mudlam u mwarrab, anzi jghid illi kienu xi l-erbgha u nofs, l-hamsa, u li kien hemm in-nies hergin mill-Isptar. L-imputat xhed illi kien veru illi hija xtaqet tinzel, pero' fejn riedet  tinzel kien vicin ta' l-Universita' u xtaq inizzilha aktar vicin id-djar. Illi dan l-inkontru dam xi ghaxar minuti. L-imputat jinnega illi hija qaltlu xi haga fis-sens biex ma jmissiex. L-imputat xhed illi kellu tnejn u erbghin (42) sena

u ma kienx jaf illi din it-tfajla kellha *ommissis* (*ommissis*)-il sena.

Ikkonsidrat:

L-imputat jinsab mixli bir-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni ai termini ta' l-Artikolu 203 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta illi jipprovdi:

*"Kull min, b'eghmil zieni, jikkorrompi persuna ta' taht l-eta', tas-sess il-wiehed jew l-iehor, jehel, meta jinsab hati, il-piena ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn tliet snin, bir-rekluzjoni jew minghajrha."*

Illi wiehed minn l-elementi kardinali ta' dan ir-reat huwa li jrid jissussissti dak li msejjah *atto di libidini.* Illi fis-sentenza ta' l-Appell Kriminali deciza fit-8 ta' Jannar 1996 **Police vs. Thomas Wiffen** inghad:

*"As to the requirement of actual defilement, this is obviously not something that can be measured with any known scientific instrument, but it is something which has to be assessed by the prudent judge - the lay judge in the case of a trial by jury, the professional magistrate or judge in all other cases - taking into account all the circumstances of the case including in particular the age of the victim and the nature of the act or acts."*

L-istess Qorti ta' l-Appell Kriminali f'dik is-sentenza kompliet tghid:

"*For the completed offence and apart from the formal element of the offence, there must be lewd act (atto di libidine) and the actual defilement. The lewd act may be committed either on the person or in the presence of the minor. All acts which, either by their very nature or of the circumstances in which they are performed, either are directed to the indulgence of sexual appetite, either of the agent or of the victim, and are*

*capable of arousing sexual interest of the victim, are lewd acts of the purposes of the offence in question."*

Illi fil-kaz in ezami din il-Qorti trid tezamina kemm-il darba l-fatt illi l-imputat qieghed idejh momentarjament, fuq il-parti genitali tal-minuri, tfajla ta' *ommissis* (*ommissis*)-il sena, minn fuq il-hwejjeg, tikkostitwix atti di libidini u kemm-il darba dan l-att fil-fatt kellux effett korrussiv fuq il-minuri. Illi kif iddeliniat ben tajjeb il-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sentenza Wiffen fuq indikata, l-Qorti trid taghmel apprezzament mhux biss ta' l-atto di libidini fih innifsu izda wkoll jekk tali att in effett ikkorrompix lill-istess minuri. Illi fil-kaz in ezami l-atto di libidini - il-mess momentarju bl-id ta' l-imputat fuq il-parti genitali tal-minuri, minn fuq u mhux minn taht il-hwejjeg, huwa atto di libidini pero wiehed mill-anqas nocif. Il-Qorti, fl-apprezzament taghha, qieset illi dan l-att fuq il-minuri *Ommissis A* ta' *ommissis* (*ommissis*)-il sena ma kellux l-effett sesswalment korrussiv. Kien ikun ferm differenti kieku l-minuri *Ommissis A* kellha tlettax (13)-il sena jew anqas. Dan bl-ebda mod ma jxejjen ir-realta illi din l-esperjenza kienet ghal *Ommissis A* esperjenza qarsa u wahda illi halqet biza' konsiderevoli fuq din it-tfajla.

L-imputat jinsab mixli wkoll bir-reat ta; sekwestru jew arrest illegali tal-minuri *Ommissis A* ta l-Artikolu 86 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta illi jipprovdi:

*"Kull min, bla ordni skond il-igi ta' l-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-seghta lill-privat li jarresta lill-hati, jarresta, izomm jew jissekwestra lil xi persuna kontra l-volonta' taghha, jew jaghti l-post biex fih din il-persuna tigi arrestata, mizmuma jew issekwestrata, jehel, meta jinsab hati, il-piena ta' prigunerija minn seba' xhur sa sentejn:*

*Izda, il-qorti tista', fil-kazijiet hfief, taghti l-piena ta' prigunerija minn xahar sa tliet xhur jew il-multa."*

Skond l-insenjament tal-Qorti Kriminali fil-kawza **Police vs. Dennis Pandolfino et.** (Per Imhallef Dr. Joseph Galea Debono) deciza fid-19 ta' Ottubru 2006 meta s-sekwestru jew l-arrest ta' persuna jkun il-mezz sabiex

jitwettaq ir-reat ta’ stupru, korruzzjoni ta’ minorenni jew attentat vjolenti fuq il-pudur, htija fuq reat ta’ sekwestru ma tistax treggi fil-konfront ta’ imputat:

***“Illi mistoqsija in kontro-ezami fuq liema provi l-Pulizija kienet ibbazat l-akkuza ta’ sekwestru tal-persuna, l-Ispettur Louise Calleja kienet irrispondiet li din l-akkuza kienet bazata fuq il-fatt li l-akkuzati kienu jitilghu fuq it-tfal biex jaghmlu l-atti sesswali fuq deskritti.***

***Pero’ fil-fehma ta’ din il-Qorti, dan il-fatt se mai, hu ingredjent jew element tal-akkuza ta’ stupru vjolent dedotta fl-Ewwel u fir-Raba’ Kapi jew dik ta’ korruzzjoni ta’ minorenni kontenut fit-Tieni u l-Hames Kapi kontra l-akkuzati rispettivi u ma jammontax ghar-reat ta’ sekwestru per se. Kieku kien hekk, kull att sesswali anki bejn “consenting adults” taz-zewg sessi kien ikun jammonta ghal reat ta’ sekwestru ghax hu risaput li f’hafna kazi l-att sesswali f’certi aspetti tieghu jimplika certu immobilizzar ta’ persuna minn persuna ohra.***

***Umbaghad il-fatt li waqt li jkun qed isir att sesswali, persuna taghalaq il-bieb fejn tkun u anki ssakkru minn gewwa biex ma jidhol hadd fuqha w fuq il-persuna jew persuni ohra li jkunu mieghu, per se zgur li ma jammontax ghar-reat ta’ sekwestru.”***

Illi ghalhekk hija l-fehma ta’ din il-Qorti illi din l-akkuza fil-konfront ta’ l-imputat ma tissussistix stante li l-agir ta’ l-imputat kien mezz sabiex jitwettaq it-tielet reat li bih jinsab mixli kif ser jinghad iktar ‘il quddiem.

Illi l-imputat huwa mixli fir-raba’ akkuza bir-reat mahsub taht l-Artikolu 209 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta:

*“Kull min, barra mill-kazijiet imsemmija fl-artikoli ta’ qabel dan is-sub-titolu jew f’disposizzjonijiet ohra tal-ligi, joffenda l-pudur jew il-morali, b’eghmil li jsir f’lok pubbliku, jew f’lok espost ghall-pubbliku, jehel, meta*

*jinsab hati, il-piena ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn tliet xhur u multa."*

Fil-kaz in ezami, x-xhieda kollha turi konsistentement illi l-imputat f'ebda hin ma neza xi parti minn hwejjgu jew xi hwejjeg minn tal-minuri u ghaldaqstant ma jistax jinghad illi espona ruhu ndecendement b'mod li jsehh l-oltragg ghal pudur pubbliku (ara l-**Pulizija vs. Joseph Vella** Appell Krim. deciza 18 ta' Jannar 1961).

L-istess pero' ma jistax jinghad ghat-tielet reat li bih huwa mixli l-imputat u cioe dak mahsub fl-Artikolu 207 li jipprovdi:

*"Kull min jinsab hati ta' attentat vjolent ghall-pudur li, fih innifsu, ma jkunx jikkostitwixxi wiehed mid-delitti ikkunsmati jew attentat, imsemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu, jehel il-piena ta' prigunerija minn tliet xhur sa sena:*

*Izda fil-kazijiet imsemmijin fl-artikolu 202, il-piena tizdied bi grad."*

Il-provi kollha f'dan il-process juru bic-car illi l-elementi kardinali ta' dan ir-reat gew provati sodisfacentement mill-prosekuzzjoni.

Illi l-minuri bl-aktar mod vividu tat rakkont dettaljat ta' kif l-imputat bi pretiza ta' mawra rnexxielu jdahhal lil minuri fil-karozza tieghu u minn hemmhekk beda jsuq lejn partijiet ta' l-Imsida u s-Swatar, l-aktar imwarrba u mudlama u dana minkejja t-talbiet ta' l-istess minuri biex iwaqqaf il-karozza u jhalliha tinzel. Gie provat minghajr dubju dettat mir-raguni illi l-imputat qieghed idejh fuq il-parti genitali tal-minuri mbaghad intefa fuqha fizikament, beda jbusha sabiex jissoffokaha t-twerzieq taghha, intefa' fuqha b'mod illi sammarha tahtu tant li qatghalha nifisha. Illi minkejja r-resistenzi ta' din il-minuri illi hija tfajla petita hafna, l-istess minuri ma setghet taghmel xejn biex tiddizingagga ruhha minn tahtu. Illi kien biss meta din il-minuri nfexxiet tibki illi l-imputat waqaf milli jkompli jimmolestaha. Illi anka wara dan, meta l-istess minuri pruvat tohrog mill-karozza, l-imputat rega' gebbidha lura.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti ssib lill-imputat, Rea Cuono, mhux hati ta’ l-ewwel (1), it-tieni (2) u r-raba (4) akkuza, li minnhom tilliberah, hati tat-tielet (3) akkuza u wara li rat l-Artikoli 207 u 28A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundannah ghal sitt xhur prigunerija sospiza ghal tlett snin.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------